dar tal-pubbblikazzjoni
QUM

# Katalgu
## tal-kotba

dar tal-pubblikazzjoni QUM

*"Stenbaħ ja rieqed, qum mill-imwiet,
u Kristu jiddi fuqek."*

*Efesin 5:14*

**Id-Dar tal-Pubblikazzjoni QUM,** imwaqqfa fl-2012, hi impenjata biex tforni lill-pubbliku b'letteratura distintivament Riformista, kemm oriġinali kif ukoll tradotta.

L-għan hu evanġelistiku, sabiex dawk li għadhom nieqsa mill-grazzja tas-salvazzjoni jitgħallmu t-triq li twassal għall-ħajja, kif ukoll sabiex il-Kristjani jissaħħu fil-fidi tagħhom u jimmaturaw aktar bħala dixipli ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-kotba QUM huma allura maħsubin bħala mezz biex il-miskredenti jitqajjem mill-mewt spiritwali, u l-kredenti jqum min-ngħas jew l-irqad spiritwali tiegħu u jkun motivat biex iħobb u jaqdi aktar lil Alla Trinità.

*"Jekk bħala dixxiplu ta' Sidna Ġesù Kristu tieħu s-sejħa tiegħek għall-ħajja konsagrata bis-serjetà, u jekk tgħożż l-evanġelizmu u tinsab impenjat fih, nassigurak li l-kotba QUM issibhom ta' għajnuna prattika, riżorsa tajba u għodda utli biex tilħaq dawn l-għanijiet."*

*Joseph Farrugia*

*Direttur*




## It-Tmien Meravilja

Paul Mizzi

Paperback - 480 paġna - Prezz €12.00

ISBN 978-99957-859-5-6

Ġrajja li sseħħ fl-ewwel seklu mad-dawra tal-Lvant tal-Mediterran u lil hinn minnu.

Vjaġġi riskjużi u avventuri affaxxinanti, prostituzzjoni, passjoni u mħabba fl-ideal tagħha, kif ukoll riflessjoni tul tfittxija, sikwit inkonxja għal dak l-iskop ewlieni li jagħmel il-ħajja umana sinifikanti u nobbli.

Kif inhuma minsuġa s-Seba' Meravilji tad-dinja antika mal-esperjenza qarsa u ħelwa ta' xebba Griega? X'misterju tipprova ssolvi? X'inhi t-tmien meravilja? Fejn u kif tiskopriha?




## Kif Tfittex u Ssib lill-Mulej

Dr. Peter Masters
20 paġna - prezz €1.00
ISBN 978-99957-0-389-9

Dan il-ktejjeb, mislut mit-tagħlim tar-Re Salmun fil-Ktieb tal-Proverbji, jiddeskrivi t-tip ta' fidi u attitudni li twassal fittiex biex isib lill-Mulej. Insibu spjegat ukoll il-mod ta' kif għandna nirrispondu għall-messaġġ ta' salvazzjoni. Ir-rispons għal dal-messaġġ iwassal għall-konverżjoni.




## Il-Problemi ta' Min Ifittex

Dr. Peter Masters
21 paġna - prezz €1.00
ISBN 978-99957-0-390-5

Sikwit, meta n-nies jiġu konvinti mill-bżonn ta' konverżjoni lejn Kristu jesperjenzaw diffikultà fit-tfittxija u s-sejba tiegħu bħala Salvatur. Dan il-ktejjeb jagħti tweġibiet għal għaxar problemi li jiltaqgħu magħhom dawk li qed ifittxu bis-serjetà. Dawn mhumiex mistoqsijiet jew dubji dwar il-fidi, iżda xkiel personali fl-avviċinar tagħna Kristu.






## Is-Snin Ribellużi

Dr. Peter Masters
18 paġna - prezz €1.00
ISBN 978-99957-0-392-9

Dan il-ktejjeb intenzjonat jgħin lil dawk il-qarrejja ta' bejn l-adolexxenza medja u l-għoxrinijiet imwaħħra jifhmu s-sors ta' dik ir-ribelljoni interna li timbuttana lkoll 'l bogħod minn Alla fit-'tieni kwart' ta' ħajjitna. Il-ktieb bibliku tal-Proverbji jispjegalna sew it-taqbida fil-moħħ tul dawn is-snin ta' reazzjoni morali.




## Frugħa tal-Frugħat

Dr. Peter Masters
14 paġna - prezz €1.00
ISBN 978-99957-0-384-4

Dan il-ktejjeb jippreżentalna l-esperjenza tar-Re Salamun, illi esperimenta b'kull ġeneru ta' pjaċir konċepibbli, u kkonkluda li sakemm in-nies ma jfittxux u jsibu lill-Mulej Alla, u jesperjenzaw il-qawwa u t-tmexxija tiegħu f'ħajjithom, il-ħajja tkun bla sens u prevedibbli.




## X'Għandek Bżonn Tkun Taf Dwar il-Kuxjenza Tiegħek

Dr. Peter Masters
20 paġna - prezz €1.00
ISBN 978-99957-0-392-2

X'inhi din il-fakoltà misterjuża msejħa kuxjenza, u kif tiffunzjona? U x'jiġri meta tkun abbużata jew isiru tentattivi biex tkun ipproggrammata?

F'dan il-ktejjeb għandna l-fatti vitali kollha ddimostrati b'mod l-aktar ċar permezz tal-użu ta' każijiet fl-istorja. Insibu wkoll il-metodi wżati mill-bnedmin biex jeħilsu l-kuxjenza miġugħa. Però l-uniku mod veru u effettiv dwar kif wieħed jista' jserraħ jew 'inaddaf' il-kuxjenza miġuha hu dak li hu espost fil-Bibbja.




## Il-Patt il-Ġdid

Paul Mizzi (trad.)
Hardbound - 874 paġna - prezz €30.00
ISBN 978-99957-9-152-0

M'hemm ebda ktieb aktar essenzjali għalina mill-Bibbja Mqaddsa. Il-Patt il-Ġdid hu t-tieni taqsima tagħha, it-twettiq tal-wegħdi t'Alla li kien ta lil Iżrael mill-antik. Bih Alla jibqa' jkellimna llum.

Din it-traduzzjoni, maħduma fuq l-edizzjoni l-iktar reċenti tan-Novum Testamentum Graece ta' Nestle-Aland (it-28 edizzjoni), għandha magħha notamenti li jgħinu lill-qarrej fl-istudju tiegħu.




## F'Dawlek Naraw id-Dawl

Paul Mizzi
Hardbound - 852 paġna - prezz €30.00
ISBN 978-99957-9-151-3

Dal-katekiżmu jippreżentalek il-veritajiet prinċipali tal-Bibbja Mqaddsa: min hu Alla, il-ħolqien, il-providenza, u l-liġi tiegħu. Imbagħad jgħallmek l-evanġelju. Ikompli billi jfisser x'inhi l-fidi fih. Finalment joffrilek gwida kif għandek tgħix bħala dixxiplu, fl-għaqda mal-knisja.




## Nixtiequ Naraw lil Ġesù

Paul Mizzi
Hardbound - 800 paġna - prezz €30.00
ISBN 978-99957-0-730-9

Dawn l-istudji huma intenzjonati biex jagħtu biss stampa wiesa' ta' kull ktieb fil-Patt il-Ġdid. Ma jidħlux fid-dettall tal-kontenut kif jagħmlu l-kummentarji. Aktar huma maħsuba biex jippreżentaw il-qofol tal-messaġġ ta' kull ktieb.




## Il-Ktieb tas-Salmi

Paul Mizzi (trad.)
Hardbound - 816 paġna - prezz €30.00
ISBN 978-99957-9-158-2

Is-Salmi huma essenzjali għas-saħħa spiritwali ta' kull Kristjan illum. Meta nsiru midħla tagħhom nitgħallmu min hu u kif inhu Alla, insiru konxji dwar irrealtà kexkiexa tad-dnub, lżda wkoll dwar l-indiema, l-istqarrija u l-maħfra.

Din it-traduzzjoni, fidila għat-test Ebrajk, għandha magħha, fost għajnuniet oħra, notamenti għallqarrej biex jifhem aħjar, kif ukoll kummentarju konċiż u devozzjonali biex japprezza l-qofol ta' kull salM bla ma jintilef f'dettalji żejda.




## Niggwadanjaw mill-Kelma

Arthur W. Pink

Paperback - 160 paġna - prezz €5.00

ISBN 978-99957-859-4-9

L-awtur jurina kif il-qari tal-Bibbja, meta jsir kif suppost, imissu jbiddel l-attitudni tan-Nisrani lejn id-dnub, lejn Alla, it-talb, l-opri tajba, l-ubbidjenza, id-dinja, il-wegħdi t'Alla, il-ferħ u l-imħabba.




## L-Istqarrija ta' Fidi Battista 1689

64 paġna - prezz €4.00

ISBN 978-99957-859-1-8

Dan id-dokument antik jagħtina ġabra eċċellenti tad-dottrini li aħna nemmnuhom bla ebda dubju. Mhuwiex maħruġ bħala regola awtorevoli jew kiegħ ta' fidi, biex nintrabtu biha, iżda bħala assistenza fil-kontroversja, konferma fil-fidi u mezz ta' tisħiħ fl-għixien ġust.




## Ara Ma Ttajjarx Sebgħek

Todd Friel

48 paġna - prezz €1.00

ISBN 978-99957-915-0-6

Jaqaw titgerrex mill-evanġeliżmu? Tixtieq tgħaddi l-aħbar it-tajba u ssibha bi tqila? Anke l-appostlu Pawlu mar għand il-Korintin bi dgħufija u b'biża', u b'ħafna tregħid. Talab ukoll sabiex jingħata l-kuraġġ li jiddikjara l-evanġelju bil-miftuħ. Illum, bil-mezzi li għandna, sempliċi xxandar il-vanġelu.

'Ara Ma Ttajjarx Sebgħek' hu ktejjeb stampat apposta biex bl-ikbar sempliċità wieħed isir jaf kif jista' jsalva. Huwa preżentazzjoni bilanċjata tal-liġi t'Alla (li tikxef il-ħtija tagħna) kif ukoll tal-grazzja (li biha nirċievu l-maħfra). Hu miktub b'mod mexxej u faċli biex wieħed jifhmu, b'eżempji u argumenti qosra u diretti.




## It-Tazza Vvalenata tal-Prinċep

R.C. Sproul
Hardbound - 40 paġna - prezz €10.00
ISBN 978-99957-915-5-1

Biex jipperswadi tifla ħalli tieħu l-mediċina morra tagħha meta hi marida, nannuha jgħidilha storja li fiha prinċep isalva lin-nies mid-dnub billi jixrob minn funtana vvalenata.




## Il-Ħmar li Fuqu Rikeb Sultan

R.C. Sproul
Hardbound - 40 paġna - prezz €10.00
ISBN 978-99957-915-6-8

L-istorja ħelwa dwar Drinu l-ħmar toffri perspettiva unika tal-avvenimenti tal-ġimgħa qabel il-passjoni ta' Ġesù.






## Il-Qassis bil-Ħwejjeġ Maħmuġin

R.C. Sproul
Hardbound - 48 paġna - prezz €10.00
ISBN 978-99957-915-3-7

In-nannu jirrakkonta lil Mari u Zac il-parabbola tal-qassis li ma tħalliex jipprietka qabel ma jbiddel il-ħwejjeġ maħmuġin li kien liebes ma' ħwejjeġ nodfa.




## L-Imdawlin

R.C. Sproul
Hardbound - 40 paġna - prezz €10.00
ISBN 978-99957-915-4-4

Indrì kellu biża' kbir mid-dlam. Iżda nannuh qallu storja, dwar Bin is-Sultan tad-Dawl, miġjub fid-dinja sabiex in-nies ma jkollhomx għalfejn jitwerwru mid-dlam. Hekk għeleb il-biża' tiegħu.




## Is-Salvatur tad-Dinja

D.M. Lloyd Jones
16 paġna - Prezz €1.50
ISBN 978-99957-859-9-4

Xi jżomm lin-nies milli jgħarfu lil Ġesù Kristu u allura l-ferħ tas-salvazzjoni? Għaliex issib min jgħidlek li r-reliġjon tajba għal ċerti tip ta' nies imma ma tappellax għalih? Mhux bilfors ma tgħoddx għalihom jekk qatt ma tawha ċans!




## Lura fi Ħdan Alla

O. Palmer Robertson
64 paġna - Prezz €4.00
ISBN 978-99957-859-7-0

Alla għandu pjan għad-dinja u għan-nies li jgħixu fiha. Din id-dinja ħalaqha hu, allura bilfors fassal pjan għaliha. Ma kienx ilkun Alla kieku ma kellux pjan. Il-pjan tiegħu perfett, avolja kull fejn inħarsu ħlief ħażen, dnub u tbatija ma narawx. X'inhu dan il-pjan etern t'Alla? Xi skop għandu għal din id-dinja, għalik?




## Kważi Kristjan

C.H. Spurgeon
64 paġna - prezz €4.00
ISBN 978-99957-859-2-5

Dan il-ktieb hu ideali għal dawk il-qarrejja kollha, sew adulti kif ukoll adolexxenti, li semgħu l-evanġelju tas-salvazzjoni imma għad m'għandhomx relazzjoni ħajja ma' Sidna Ġesù. Jinsabu viċin il-bieb imma għadhom ma daħlux. Spurgeon isejjaħ lil dawn it-tip ta' nies "kważi Kristjani."

L-esperjenza pastorali wiesa' tal-awtur għenitu jindirizza b'mod ċar u effettiv il-problemi li jżommu lura jew ifixklu lin-nies milli jduru lejn Ġesù b'indiema sinċiera u jikkommettu ruħhom f'idejh kompletament.




## Maħfra għall-Agħar Midinbin

Jonathan Edwards
20 paġna - Prezz €1.50
ISBN 978-99957-859-0-1

Kbira kemm hi kbira l-ħtija tad-dnub, m'għandhiex tkun ta' ostaklu biex il-midneb jirritorna għand Alla Missierna u jkun maħfur. Jekk sinċerament tiddeċiedi tersaq lejn Alla biex tirċievi l-maħfra, xejn, lanqas l-ikbar dnub, m'għandu jkun ta' tfixkil biex issib il-ħelsien u l-mistrieħ fil-Feddej.




## Nistgħu Nkunu Nafu lil Alla?

Maurice Roberts
34 paġna - Prezz €2.00
ISBN 978-99957-0-341-7

Din id-dinja maqsuma f'żewġ gruppi – dawk li jafu lil Alla u dawk li ma jafuhx. Għalkemm jeżistu ħafna aktar differenzi bejn il-bnedmin, din hi l-akbar waħda. F'dan il-ktejjeb insibu spjegat b'mod sempliċi u ċar it-tagħlim tal-Bibbja dwar l-importanza li tkun salvat, il-ħajja wara l-mewt, il-ġenna u l-infern, u li nkunu nafu x'għandna nemmnu.




## Ibża' għal Ruħek

J.C. Ryle
28 paġna - Prezz €2.00
ISBN 978-99957-0443-8

Ninsabu ngħixu fi żmien fejn hawn dija qawwija iżda falza qiegħda tiddi fuq l-affarijiet temporanji, u frattant imdawrin bi ċpar sfiq fuq il-ħwejjeġ eterni. L-awtur jagħmel erba' osservazzjonijiet importanti: ilkoll għandna ruħ, kulħadd jista' jitlef ruħu, it-telfa ta' ruħ il-bniedem hi l-ikbar telfa, u r-ruħ ta' kwalunke bniedem tista' tkun salvata.




## L-Aħbar it-Tajba

Paul Mizzi
48 paġna - Prezz €3.00
ISBN 978-99957-0-442-1

Dan il-ktieb jitkellem dwar x'inhu essenzjalment l-evanġelju; aħbar eċċezzjonalment eċċitanti, iżda qabel xejn jgħarrfek il-qagħda ħatja tiegħek bħala midneb; iwissik dwar il-ġudizzju finali u l-infern. Għal-daqstant jistiednek iddur lejn il-Mulej, illum qabel għada, b'indiema u fiduċja sempliċi ħalli tirċievi maħfra sħiħa u l-ħajja eterna.




## Missejtek u Fejjaqtni

Joseph Farrugia
48 paġna - Prezz €3.00
ISBN 978-99957-859-6-3

Dan il-ktejjeb hu msejjes fuq l-istorja tal-mara bit-tnixxija tad-demm. Batiet wisq u baqgħet diżappuntata. Finalment daħħlet f'kuntatt ma' Ġesù u tfejqet. Il-ġrajja tagħha sservi bħala mudell għalina. Kull midneb niedem, li fuq l-eżempju tagħha jersaq lejn il-Mulej Ġesù, u bħalha jmissu bil-fidi, jirċievi mingħandu l-fejqan spiritwali.




## Fittex 'l Alla

Peter Jeffery
48 paġna - Prezz €3.00
ISBN 978-99957-859-8-7

Tixtieq issir taf 'l Alla? Qed tfittxu verament? Jekk iva, allura dan il-ktejjeb għalik, għax inkiteb bil-ħsieb li jgħin lil xi ħadd bħalek. Jispjegalek b'mod sempliċi u ċar kif tista' ssib 'l Alla. Jurik ukoll il-verità meraviljuża li Alla dejjem qed ifittex lil dawk li jfittxuh u tahom kelmtu illi jekk ifittxuh b'qalbhom kollha żgur isibuh.



Biex ir-ruħ tistejqer u l-qalb tithenna




## Għanjiet Kristjani

375 paġna - prezz €12.00
ISBN 978-99957-915-7-5

Mit-twelid ta' Kristu sal-lum il-fidi Kristjana avvanzat bil-ġwienaħ tal-għana. F'kull laqgħa ta' Nsara biex jagħtu qima lil Alla l-kant iwettaq rwol vitali.

Dan il-volum jixhed kemm tabilħaqq il-verità hi essenzjali għall-qima aċċettabbli. Hu mimli b'innijiet spiritwali maħsuba biex jikkoltivaw u jseddqu l-fidi, it-tama u l-imħabba tal-knisja lejn Alla Trinità, fl-inizjattiva u l-grazzja tiegħu biex ressaqna lejh, u jindokrana sakemm jintroduċina fi glorja eterna. Għanjiet Kristjani jikkonsisti fi tliet tipi ta' kant: salmi, innijiet u kanzunetti spiritwali.

# Dar tal-Pubblikazzjoni QUM

42, Triq Dun Ġwann Theuma

Attard, ATD 2068,

Malta

@kotbaqum

kotbaqum@gmail.com

7904 8186